

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Każ COMP/M.6174 – Atlas/Sunlight/Advanced Lithium Systems Europe JV)**  
**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**  
**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**  
(2011/C 94/17)

1. Fil-21 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża Atlas Elektronik GmbH ("Atlas", il-Ġermanja), ikkontrollata b'mod konġunt minn EADS Deutschland GmbH and ThyssenKrupp Technologies AG, u Systems Sunlight SA ("Sunlight", il-Ġreċja) ikkontrollata minn Mr. Panos Germanos, jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-impriża Advanced Lithium Systems Europe SA ("JVC", il-Ġreċja), permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija stabbilit għida li tikkostitwixxi kumpanija bi sħab.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- għal Atlas: il-forniment ta' sistema għall-elettronika navali,
- għal Sunlight: id-disinn, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' sistemi ta' batteriji u tal-produzzjoni tal-enerġija,
- għal JVC: ir-riċerka, l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' batteriji bbażati fuq teknoloġija tal-jone tal-litju għall-użu fid-difiża u applikazzjonijiet avvanzati.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet <sup>(2)</sup> ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6174 – Atlas/Sunlight/Advanced Lithium Systems Europe JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").